# Aktar Kurżitajiet mill-Arkivji tal-Parroċċa (3)



*Anthony Mifsud*

Wara li għal dawn l-aħħar tliet snin ġbart u għaddejtilkom xi tagħrif minn erba' volumi (sewwasew dawk li jġibu n-numri 137 sa 140) tar-reġistrazzjonijiet tal-Magħmudija u li kienu jifirxu mis-sena 1555 sal-1820, ħassejt li din id-darba nibda nikteb fuq xi ħaġa għalkollox differenti. Minn tifkiriet ta' mumenti ferrieħa bi twelid ta' tarbija, se ngħaddi biex nagħtikom xi tagħrif dwar mumenti ta' niket, jiġifieri se nikteb dwar ir-Reġistri tal-Imwiet u nibda bil-volum li fl-Arkivju jġib in-numru 153 u jifrex mis-sena 1555 sal-1671.

Dan il-volum fih 166 paġna u jibda mit-13 ta' Mejju 1555 u jispiċċa bid-data tat-23 ta' Ġunju 1671. B'kollox insibu reġistrati 1334 mewt f'dawn il-117-il sena. Ta' min jgħid li fis-sena tal-Assedju l-Kbir, jiġifieri l-1565, ma hemm reġistrata ebda mewt u l-istess għas-sentejn ta' wara (1566-1567). Tgħid il-poplu Siġġiewi u tal-irħula tal-madwar baqgħu għall-kenn tal-Imdina u anke d-dfin kien isir hemm? Wieħed irid iżur l-Arkivji tal-Imdina; forsi hemm reġistrati mwiet ta' Siġġiwin.

L-akbar numru ta' mwiet reġistrati kien fl-1633 b'55 u warajha s-sena 1632 b'51. Kien hemm sentejn, jiġifieri l-1584 u l-1602, fejn ma ġew reġistrati ebda mwiet minbarra fit-tliet snin li diġà semmejt (1565-1567).

Tul dan iż-żmien li se nikteb dwaru, Malta kemm-il darba kienet milquta minn xi epidemija jew pesta u dawn seħħew bejn l-1592 u l-1593, fl-1632 u fl-1655.* Għalhekk insibu li bejn it-22.4.1593 u t-30.5.1593 hemm reġistrat li d-dfin kien isir fiċ-Ċimiterju ta' San Teodoru (San Dawdar). Dawn mietu kaġun tal-'mal contagioso' jiġifieri 'mard li jittieħed' u minn dawn kien hemm għaxra. Dawn iż-żewġ kelmiet huma terminu ġeneriku, iżda fil-każ tal-1593 kienu jirreferu għall-pesta.

L-aktar epidemija li ħalliet imwiet kienet dik indikata bħala 'male della gola' jew 'male del collo' ħdejn ir-reġistrazzjoni ta' xi mewt. Dawn illum huma magħrufa bħala 'difterite' u 'Hodgkin's Lymphoma' rispettivament.* Dawn l-imwiet seħħew bejn Settembru 1632 u Diċembru 1633 u kien hemm 68 vittma. Il-qaddis protettur għal dan il-mard kien San Biagio jew, kif nafuh aktar, San Blas. Jissemmew xi każi ta' mwiet b'mard partikolari ieħor bħal fil-każi ta' mewt bil-'petecco/peticco/petici'[sic] jiġifieri bil-'petakkja' li kienu dbabar vjola taħt il-ġilda assoċjati mal-pesta jew mat-tifu.* Dawn seħħew fid-29.4.1635, fl-4.8.1635, fil-5.8.1635 u fl-14.3.1636. Każ ta' 'morse tisico' seħħ fit-23.3.1635, jiġifieri mewt b'infezzjoni tal-pulmun bis-sogħla bid-demm magħrufa bħala 'Tuberkolożi'.*

Naturalment mat-total ta' mwiet li semmejt fil-bidu hemm inklużi dawk li seħħew fl-irħula ta' madwar is-Siġġiewi, jiġifieri Casal Xiluc (Siluc) fejn mietu 75. F'Casal Kibir (Chibir) insibu 50 mewt u 10 imwiet f'Casal Cuderij.

Wara li fl-1593 sibna n-nota li min miet b'mard li jittieħed indifen fiċ-Ċimiterju ta' San Teodoro, beda aktar regolarment jiġi miktub fejn tkun saret id-difna u hekk insibu jew li ndifnu 'in Sacris' jew 'nella cappella' u, lejn l-aħħar, regolarment 'in Parrocchia'.

B'xorti ħażina, tul l-ewwel 50 sena ta' reġistrazzjonijiet insibu ħafna każi fejn ma jissemmiex il-kunjom tal-mejjet/mejta u għalhekk insibu "Catharina mart Ġlormu" (27.4.1559), jew "Vicenso lo gardinaro" (28.8.1592), jew "bint is-Sinjura Hyeronima ta' Valletta" (25.9.1592), jew "la mogle del monico del Sigeuij" [sic] (24.9.1592).

Niltaqgħu wkoll ma' diversi laqmijiet, uħud darba biss u oħrajn ripetuti, għax, naħseb jien, ikun il-laqam tal-familja u mhux ta' individwu. Fost dawn insibu lil xi ħadd Chantar 'dicto chupla' (18.7.1593) li kien instab maqtul b'att vjolenti, jew 'Joanna detta chivales' (13.12.1604) jew ukoll 'Gioanna dicta Gerusalem' ta' 95 sena li kienet ħalliet 'clausura' msejħa Landar b'patt li jsirulha tnax-il quddiesa kull sena (F.35r). Vella Gio. Maria kienu jsibuh bħala 'dnaiar' (26.2.1650). Vella ieħor, iżda Antonio, kien magħruf bħala 'Verdala' (6.12.1647). Wieħed Tabuni (bla isem) kien magħruf bħala 'xorbot' (23.3.1593). Insibu wkoll Joanne 'sive ginajna' (22.4.1593), 'Hajno' (1.4.1588), 'il ahsa' (25.12.1630), 'Grillo' (24.10.1649) u aktar komuni u ripetut 'tal-gesem' fejn narawh miktub fi tliet dati differenti (18.6.1622, 14.8.1635 u 4.1.1647) u l-aħħar laqam li se nsemmi huwa dak 'tal






gebli' li niltaqgħu miegħu fl-14.11.1622, fis-6.7.1625, fis-26.4.1630 u fid-9.10.1632 fost l-oħrajn. Dawn iż-żewġ laqmijiet kienu t-tnejn ta' nies kunjomhom Paci.

Minbarra laqmijiet insibu miktuba wkoll ismijiet ta' postijiet li għadna nużaw sal-lum. Fost dawn niltaqgħu ma' 'gardinaro' li kien minn 'li girgenti' li miet fis-7.12.1578. Fl-14.3.1579 u fis-27.10.1581 mietu żewġ 'gardinaro' ta' 'la fontana grande' jew, kif nafuha bil-Malti sal-lum, l-Għajn il-Kbira, u l-aħħar u mhux lanqas il-mewt ta' Caruana Valerio li fil-15.12.1620 għereq fil-baħar 'dicto lapsi' u anke l-każ ta' diżgrazzja f'gebel ciantar fis-6.12.1630.

B'xorti ħażina anki f'dan il-volum il-kalligrafija tvarja minn żmien għal żmien, minn dik li litteralment twerċek għal waħda aktar ċara u tinqara bla ħafna diffikultà, u għalhekk b'dispjaċir ikolli nammetti li ma nistax bi preċiżjoni ngħaddi t-tagħrif kollu li sibt u għalhekk inħalli dan għal min hu aħjar minni biex jaqra din l-informazzjoni.

Minn fost dan kollu, minbarra l-ftit tagħrif li diġà semmejt aktar 'il fuq, irnexxieli nislet ħafna kurżitajiet li wieħed ta' min isemmi u fosthom ħafna delitti u mwiet li seħħew fuq ix-xwieni tal-Ordni u oħrajn kaġun ta' diżgrazzji. Għalhekk nibda biex nirrakkonta dwar xi wħud minnhom.

Każ sfortunat seħħ fit-8.8.1611 meta Don Andrea Calleia, 'vice rettore' tal-parroċċa, waqt li kien iqaddes mas-sebħ fuq l-altar maġġur, hekk kif wasal fil-'Comunicante' ħassu ħażin u waqa' għal dahru, għamel ferita f'rasu u dam biha erbatax-il jum sakemm miet u ndifen taħt l-altar tar-Rużarju. Niltaqgħu ukoll ma' barrani ('forestiere') li ndifen is-Siġġiewi, ċertu Demetrio Russino, fqir u pellegrin, li miet fil-31.8.1637. Fl-24.11.1634 niltaqgħu ma' Giacobo Mamu ta' 40 sena li miet fil-ħabs 'Capitanile' minħabba li waqa' ħajt fuqu. Fit-28.1.1640 Angelo Dingli, iben Giulio, ta' tmien snin, miet wara li qala' daqqa ta' sieq ta' bagħal. Fis-26.9.1640 miet kaġun ta' waqgħa Zuppard Costanzo.

Ngħaddu issa għal tliet każi ta' mewt fil-baħar: l-ewwel każ seħħ fid-19.5.1615 lil Gat Domenico, iben Andria, minn Casal Chibir, sajjied li waqt li kien jistad, waqa' u għereq 'f'cabar .......'(kliem mhux ċar). Minn Casal Siluc insibu lil Caruana Valerio li diġà semmejt qabel u li miet Lapsi. L-aħħar każ huwa dak ta' Paci Vincentio li fis-7.2.1650 mar jistad u ma ġiex lura ('e andato a pescar pesci nelle rocche di nostri mare e non comparse piu') [sic]. Żewġ każi sfortunati oħra seħħew, wieħed fis-17.10.1620 meta Juliana, mart Salvu Ciantar, mietet wara li xi ħadd ipprova jistupraha fiċ-ċimiterju hi u sejra għall-quddies tas-sebħ; il-każ l-ieħor - aktar ta' stmerrija - seħħ fil-21.12.1629 lil Isabella, bint il-mejjet Domenico Pac, li ttieħdet Casal Lia fid-dar ta' Giannin Vella għall-kura fejn mietet wara li qalbet għall-agħar u ma setgħetx tmur lura d-dar u fejn tilfet il-verġinità tagħha ('deflorata') minn Don Francesco Dingli li l-ġustizzja ħadet passi kontrih minħabba f'hekk.

Insibu wkoll ħafna każi ta' qtil - 'morte/a' jew 'morse' 'amazato/a'. Iltqajt tal-anqas ma' tlettax-il każ li fuq xi wħud minnhom sejjer nagħti aktar tagħrif.

Minbarra l-każ ta' Chantar 'chupla' li semmejt aktar qabel, insibu lil ċertu Chantar bin Bendi li għal nofsinhar instab maqtul f'daru f'Casal Chibir fit-12.8.1596. Fl-10.12.1611 Gironimo Inguanes instab mejjet f'soddtu u ngħad li miet mewta vjolenti. Fil-5.7.1622 insibu li Giuliano Ciantar miet b'mod vjolenti u li b'mewtu ġie akkużat Nicola Saguna, żewġ bintu Maria. Fl-4.12.1650 u fid-19.10.1654 insibu żewġ każi jixxiebhu; dan għall-fatt li Azzopardi Martino ġie maqtul fid-dar tal-konkubina, filwaqt li Zammit Leonardo ġie maqtul fid-dar ta' mara meqjusa li kienet bħala mara ta' ħajja ħażina. F'dawn iż-żewġ każi l-vittmi ma ndifnux f'post sagru. Lill-mewt ta' Darmanin Pasquale fit-23.8.1657, li ġie maqtul fil-kampanja b'ħafna feriti, u każi oħrajn bħalu, tingħata importanza għall-fatt li min kien imut bħalu, jew f'daqqa b'mewt zoptu, u ma jkun ingħata ebda sagrament, kien ikun irid jinġieb permess mingħand l-isqof għal difna fil-knisja. Każ tipiku ta' din l-importanza nsibuh fil-mewt ta' Gauchi Vicenso fit-28.9.1569 fejn se nikkwota l-kitba bit-Taljan jew djalett Sqalli ta' dak iż-żmien li l-kappillan ħass li kellu jikteb biex jiġġustifika d-difna. "Fu lu obitu di la bona memoria di Vicenso Gauchi fu morto di mala morte subitania sutta la turba puru faceva vita di bono cristiano comu lo so yu comu cappellano e tuttu el popolo e per la sua bona vita fu seppellito in locu sacro comu bono cristiano". Dan ifisser li għalkemm Vicenso Gauchi miet f'daqqa b'diżgrazzja, ġie midfun f'parti sagra minħabba li kien magħruf bħala Kristjan tajjeb kemm mill-kappillan kif ukoll mill-poplu.

Insibu wkoll xi każi fejn jissemma x-xogħol tal-persuna mejta - bħalma diġà semmejna 'giardinaro' u 'piscatore'. Fid-19.6.1629 insibu li miet Paulo, ilsir iswed mill-Etjopja ta' Don Francesco Dingli. Fit-18.9.1592 naraw li l-viċi rettur Don Andrea Bezina difen lil Margarita 'bardasina' li aktarx tfisser 'prostituta żgħira' mill-kelma Taljana 'bardassa'. Fis-7.9.1634 insibu l-mewt ta' Maisi Cutaiar 'tamburlino',

jiġifieri li kien idoqq it-tamburlin, aktarx mal-Ordni tal-Kavallieri. Mal-Ordni wkoll aktarx li kienu Micheli Zarb u Gio Pietro Zarb li mietu fis-7.10.1612 u fit-18.4.1625 rispettivament u li kienu deskritti bħala 'tircoppoli'. Skont l-istoriku tal-Ordni Giacomo Bosio jingħad li l-Ordni f'Rodi kellha suldati tal-kavallerija ħafifa magħrufa bħala 'turcopolo' u hekk baqgħu jissejħu f'Malta, iżda din il-kelma setgħet inbidlet għal 'tircoppolo' bil-mod mitkellem Sqalli.*

La qed nitkellmu fuq l-Ordni ta' San Ġwann, insemmu l-mewt ta' Gioseppe Vassal li seħħet fid-19.1.1647 fis-Sacra Infermeria minħabba li kien ġie ferut mit-Torok ('da turchi') fuq il-galeri. Hawn ta' min wieħed jagħti dettall ta' kif ġara dan il-każ. Fis-6.1.1647 ħdejn Capo Passero saret battalja bejn il-galeri tal-Ordni u vaxxell kbir Alġerin tal-Kursar Bechir Rajs li fiha spiċċaw mejta tmien Kavallieri, fosthom il-Marixxal Saint Jey, u ħamsa u għoxrin baħri (il-biċċa l-kbira kienu jkunu Maltin). *

U biex nagħlaq, kif jgħidu, biċ-ċirasa fuq il-kejk, insemmi l-fatt li biddel xi ftit l-istorja kif kienet magħrufa sa ftit ilu ta' dak li huwa meqjus bħala l-aħħar ħbit mit-Torok f'Malta fl-1614, sewwasew meta ħabtu għaż-Żejtun. Kien meqjus li f'dan il-ħbit ma kien miet ebda Malti (skont il-kittieb tal-Ordni Dal Pozzo 1703.50); iżda f'dan il-volum li qed nikteb fuqu u anke fil-volum taż-Żwiġijiet nru. 146 hemm nota li tgħid li fis-26.7.1614 Mario Ellun, minn Micabiba (l-Imqabba), kien ġie ferut mit-Torok f'Buleben u kaġun ta' hekk miet u ndifen (ma nafx kif) fis-Siġġiewi. Dan it-tagħrif għaddejtu lil Giulia Privitelli u deher għall-ewwel darba fl-artiklu tagħha f'paġna 14 fil-ktieb "The Turkish Raid of 1614" maħruġ mill-Għaqda Wirt iż-Żejtun.

Naħseb li b'dan tal-lum qanqalt ftit aktar kurżità u interess bħal fil-każi tal-artikli ta' qabel u nittama li jkun hemm min (bħal xi student tal-liġi) li jkompli jfittex fl-Arkivji tal-Ordni ta' San Ġwann dwar x'ġustizzja setgħet saret fuq id-delitti msemmija hawn fuq.

** Tagħrif ġentilment mgħoddi lili mill-istoriku u studjuż l-Imħallef Emeritu Dr Giovanni Bonello li ta' dan kollu nirringrazzjah.*